TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maryrose u Charles Newbould

vs

Gaetano Fashion Design & Stylist

CCT 121/18/MS

26 ta' Gunju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat filt-30 ta' Lulju 2018 fejn talbu r-rifuzjoni tas-somma ta' €1,500 li jinkludi spejjes in konessjoni ma' libsa tat-tieg wara li l-intimat ma qediex l-inkarigu li gie moghti lilu u r-rikorrenti spiccat tirrikorri band'ohra, bi pregudizzju finanzjarju.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smight ma ressaq l-ebda risposta u l-anqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta l-kawza kienet appuntata ghas-smigh tal-provi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema x-xhieda tar-rikorrenti Maryrose Newbould bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienet avvicinat lill-intimat f'April 2017 sabiex tinkarigah jesegwixxi hjata ta' libsa tat-tieg tat-tifla taghha, liema tieg kien ippjanat ghat-23 ta' Gunju 2018. Dakinhar tatu hamsin Euro depozitu. F'Settembru 2017 iltaqghu biex jixtru d-drapp fejn fuq parir tal-intimat xtrat il-kejl li ssugerixxa hu skond disinn maghmul bejntiethom ghall-prezz ta' €475.00. L-intimat dam jittratjeni sabiex igarrab il-libsa u minkejja l-inisistenza tar-rikorrenti iltaqghu biss fit-18 ta' Gunju, ftit jiem qabel it-tieg, fejn ir-rikorrenti nnutat li l-libsa kienet ferm differenti minn dak illi kienu ftehmu bejniethom. L-iskuza tal-intimat kienet li ma kellux drapp bizzejjed. Ir-rikorrenti ma qaghditx tistenna aktar u xtrat libsa ohra bil-prezz ta' €680.00, li fuqha kellha thallas ukoll hamsin Euro ghal *alterations*. Ghalhekk b'kollox, ir-rikorrenti dahlet fi spiza ta' €50 + €475 + €680 + €50 = 1,255.

Fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti ssemmi li nefqet €710.00 ghall-libsa, pero fl-avviz issemmi l-figura ta' €680.00. Hija din l-ahhar figura li hija korretta peress illi skond l-i*statement of account* tal-bank, l-ammont ta' €710.00 huwa bilanc li baqa' fil-kont, u mhux kemm nefqet . It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ma talbitx ghal danni morali u allura t-Tribunal huwa marbut biss b'din ic-cifra ta' €1,255 illi r-rikorrenti ghandha tircievi minghajr ebda tnaqqis.

Kif gja nghad, minkejja n-notifiki u l-oppourtunita' moghtija lill-intimat, dan la dahhal risposta u l-anqas ma deher quddiemu. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jakkorda t-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' €1,255 u jikundanna lill-azjenda intimata li thallashom din is-somma. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru